# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Gunju, 2024**

**Numru 2**

**Rikors numru 252/2021/1 JVC**

**Carmel *sive* Charles Bartolo**

**v.**

**Avukat tal-Istat, Michael Briffa u Carmen Briffa**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-Avukat tal-Istat fl-14 ta' Ġunju, 2023 sabiex tinbidel sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Mejju, 2023. F'din is-sentenza appellata ġie deċiż li l-attur (issa appellat) ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà taħt **l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

**minħabba t-tħaddim tal-Artikolu 12(2) tal-Kap.158 tal-Liġijiet ta’ Malta**. Bħala rimedji l-Ewwel Qorti ordnat: (i) kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti *ai termini* tal-liġi fl-ammont kumplessiv ta’ tmintax-il elf, tmien mija u sitta u għoxrin ewro u sebgħin ċenteżmu (€18,826.70) u (ii) lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati bl-imgħax legali mid-data tal-preżenti deċiżjoni sad-data tal-effettiv pagament.

**Daħla**

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

*«i. ’Illi r-rikorrenti huwa proprjetarju tal-fond 84, Dorin, Villambrosa Street, Hamrun, li huwa akkwista per via di successione mill-eredità tal-mejjet missieru Salvatore Bartolo li miet fis-16 ta ’Dicembru 2015, u li l-wirt tieghu ddevolva ab intestato fuq martu Emanuela Bartolo, in kwnatu ghal-nofs indiviz, u in kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor fuq iz-zewg uliedu Michael u Carmelo Bartolo.*

*ii. Illi b’kuntratt ta ’donazzjoni u divizjoni tal-31 ta ’Awwissu 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala “Dokument A”, lillum mejta Emanuela Bartolo ddonat tlett kwarti indivizi ta ’din il-proprjeta ’lil Carmel sive Charles Bartolo, waqt li huwa akkwista l-kwart indiviz mill-istess fond b’divizjoni fl-istess att minn ma ’huh Michael Bartolo.*

*iii. Illi l-mejjet missieru Salvatore Bartolo b’kuntratt tat-2 ta ’Gunju 1987 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone, hawn anness u mmarkat bhala “Dokument B”, kien ikkonceda b’titolu ta ’enfitewsi temporanja lil Joseph Grech ghal wiehed u ghoxrin (21) sena mit-2 ta ’Gunju 1987, versu cens annwu u temporanju ta ’Lm150.*

*iv. Illi Joseph Grech b’kuntratt tal-1 ta ’Novembru 1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, “Dokument C” hawn anness, biegh iz-zmien li kien ghad fadal mill-koncessjoni enfitewtika fuq referita lil John Formosa.*
*v. Illi b’kuntratt tat-23 ta ’Novembru 1991 fl-atti tan-Nutar Mario Felice,*

*"Dokument D" hawn anness, John Formosa biegh iz-zmien li kien ghad fadal mill-koncessjoni enfitewtika temporanja hawn fuq referita lil Michael u Carmen Briffa.*

*vi. Illi din il-koncessjoni enfitewtika temporanja skadiet fl-1 ta 'Gunju 2008.*

*vii. Illi a tenur tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta 'Malta, gialadarba lintimati Briffa kienu cittadini Maltin u ordinarjament residenti fil-fond in kwistjoni, huma kellhom dritt a tenur tal-Att XXIII tal-1979 biex jibqghu jabitaw fil-fond taht titolu ta 'kera, b'zieda fil-kera skond ir-rata ta 'inflazzjoni, pero 'qatt aktar middoppju, u li kellha tizdied darba kull hmistax-il sena. Bisazza hawn anness u mmarkat bhala Dokument B.»*

3., Peress li deherlu li dan kollu seħħ bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu mħarsin bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll bl-Art.1 tal-Ewwel Protokoll huwa fis-sens li minħabba l-Artikolu 12 u 12B tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur fetaħ il-Kawża tal-lum u talab lill-Qorti jogħġobha:

*»(1)* ***Tiddikjara u Tiddeciedi*** *illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet ta 'l-Artikolu 12 partikolarment l-Artikolu 12(2), 12A u 12B tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta 'Malta kif emendat bl-Att XXIII ta 'l-1979 u bl-Att XXVII tal-2018, u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti qieghdin jaghtu dritt ta 'rilokazzjoni indefinita lill-intimati Michael Briffa (K.I. 71464M) u Carmen Briffa (K.I. 200460M) u jirrenduha impossibli lir-rikorrenti li jirriprendu l-pussess effettiv tal-fond 84, Dorin, Villambrosa Street, Hamrun, proprjetà talistess rikorrenti.*

*(2)* ***Tiddikjara u Tiddeciedi*** *illi qed jigu vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjetà 84, Dorin, Villambrosa Street, Hamrun bi vjolazzjoni ta 'lArtikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta 'Malta, u l-Ewwel Artikolu ta 'l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta 'Malta) u b'hekk taghti lirrikorrenti ir-rimedji kollha li jidhrulha xierqa fis-sitwazzjoni.*

*(3)****Tiddikjara u Tiddeciedi*** *illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghall-kumpens u danni sofferti mirrikorrent b'konsegwenza ta 'l-operazzjonijiet ta'l-Att XXIII ta 'l-1979 li ma kreawx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk ta 'l-inkwilini, stante illi ma jirriflettux is-suq u*

*lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta 'in kwistjoni ai termini ta ' lKonvenzjoni Ewropeja u tal-Ligi.*

*(4)* ***Tillikwida*** *l-istess kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-ligi u ai termini tal-Ligi.*

*(5)* ***Tikkundanna*** *lill-intimat Avukat tal-Istat jhallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati u ai termini tal-Ligi blimghax legali sad-data tal-effettiv pagament.*

*»Bl-ispejjeż … … …«*

4. L-Avukat tal-Istat u l-esponenti Michael u Carmen Briffa ressqu tweġiba għal rashom, fejn fissru li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

5. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li qieset il-fatturi u r-raġunijiet kollha ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat u l-intimati Briffa sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż u tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

*«1. Tilqa 'limitatament l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti Bartolo l-fatti suesposti u loperazzjonijiet ta 'l-Artikolu 12 partikolarment l-Artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta 'Malta kif emendat bl-Att XXIII ta 'l-1979 u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti qeghdin jaghtu dritt ta 'rilokazzjoni ndefinita lill-intimati Michael Briffa (K.I. 71464M) u Carmen Briffa (K.I. 200460M) u jirrenduha impossibli lir-rikorrenti li jirriprendu l-pussess effettiv tal-fond 84, Dorin, Villambrosa Street, Hamrun, proprjetà tal-istess rikorrenti.*

*2. Tilqa 't-tieni talba u konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi qed jigu vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti ghattgawdija tal-proprjetà 84, Dorin, Villambrosa Street, Hamrun bi vjolazzjoni ta 'l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta 'Malta, u l-Ewwel Artikolu ta 'l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta 'Malta).*

*3. Tilqa 't-tielet talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat Avukat tal-Istat*

*huwa responsabbli ghall-kumpens u danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta 'l-operazzjonijiet ta 'l-Att XXIII ta 'l-1979 li ma kreawx bilanc gust bejn iddrittijiet tas-sid u dawk ta 'l-inkwilini, stante illi ma 39 jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta 'in kwistjoni ai termini ta 'l-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Ligi.*

*4. Tilqa 'r-raba 'talba u tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-ligi fl-ammont kumplessiv ta 'tmintax il-elf tmien mija sitta u ghoxrin Ewro u sebghin centezmu (€18,826.70)*

*5. Tilqa 'l-hames talba u tikkundanna lill-intimat Avukat talIstat ihallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati blimghax legali mid-data tal-prezenti decizjoni sad-data taleffettiv pagament. L-ispejjez kollha ta 'din il-procedura ghandhom jigu sopportati mill-intimat Avukat tal-Istat. kollha u qieset ukoll l-istima magħmula mill-perit tekniku, kif ukoll illi l-funzjoni tagħha mhijiex li tillikwida danni ċivili iżda danni għall-ksur ta 'jeddijiet fundamentali qatgħet il-kawża hekk:»*

6. l-Intimat Avukat tal-Istat appella minn din is-sentenza, b'rikors imressaq fl-<u>14 ta' Ġunju, 2023</u>**,** u saħaq li: (i) li l-kumpens pekunjajru mogħti mill-Ewwel Onorabbli Qorti dovut lill-appellat għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu huwa eċċessiv, u (ii) li fil-fehma tal-esponent Avukat tal-Istat l-kumpens ordnat mill-Ewwel Onorabbli Qorti għandu jiġi mnaqqas sostanzjalment.

7. Ir-rikorrent Camel *sive* Charles Bartolo wieġeb għal dan l-appell fl-**<u>25 ta' Ottubru, 2023</u>** u qal li jaqbel mal-import tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u li hija ġusta u timmerita konferma. Mill-banda l-oħra, l-esponenti Michael u Carmen Briffa wieġbu li mhumiex il-leġittimi kontradditturi u għalhekk mhux responsabbli għal kumpens u danni.

8. Inżamm smigħ **<u>fl-erbgħa (4) ta' Diċembru 2023</u>** u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

9. Qabel ma tqis l-appell, din il-Qorti tosserva li ma sar l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabet ksur tad-dritt fondamentali tal-atturi mħarsa taħt Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u dik tal-ammont ta' kumpens non-pekunjarju akkordat mill-Ewwel Qorti. Dawn il-partijiet tas-sentenza appellata għalhekk illum huma finali.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li l-appell jolqot il-*quantum* ta' kumpens pekunjarju mogħti mill-ewwel qorti. Fil-fehma tiegħu l-Avukat tal-Istat il-kumpens mogħti lill-appellati kellu jkun ferm anqas. L-appellant jfisser l-aggravju waħdieni tiegħu hekk:

> *»Illi, l-aggravju tal-appellant għandu x'jaqsam mal-ammont ta' kumpens pekunjajru akkordat lill-appellat mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u ċioe s-somma ta' sittax il-elf tmien mija sitta u għoxrin Ewro u sebgħin ċentezmu (€16,826.70).*
>
> *»…ir-rikorrent-appellat sar sid ta' sehem wieħed minn tmienja (⅛) minn dan il-fond bħala eredi universali ta' missieru meta dan tal-aħħar għadda għal ħajja aħjar nhar is-16 ta' Diċembru 2015.*
>
> *»Il-Kumplament ta' dan il-fond, u cioe is-sehem ta' sebgħa minn tmienja, ir-rikorrent-appellat sar sid tagħhom permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni u divizjoni… anness bħala Dok A.*

> *»…Permezz ta ʼdak il-kuntratt, omm ir-rikorrent-appellat iddonat lilu s-sehem tagħħa ta ʼtlieta minn erbgħa partijiet (¾) mill-fond, u saret divizjoni bejn ir-rikorrent-appellat u ħuh biex bʼħekk, ir-rikorrent ħa s-sehem ta ʼwieħed minn tmienja (⅛) illi kellu ħuh minn dan il-fond.*
>
> *»…ir-rikorrent-appellat u l-ante-kawża tiegħu ma ħadu ebda passi kontra l-istess inkwilini sabiex dawn iħallsu l-kera illi kienet dovuta minnhom.»*

11. Ir-rikorrent (illum appellat) wieġeb għal dan l-aggravju billi qal li l-Ewwel Onorabblli Qorti kienet korretta meta ddeċidiet illi r-rikorrenti għandu jirċievi l-ammont perċepitit qabel ma ġie f'idejh dan il-fond in kwistjoni.

12. Jissokta jingħad din il-Qorti taqbel mal-Avukat tal-Istat li, fost il-fatturi li għandhom jitqiesu għall-għanijiet ta' likwidazzjoni ta' kumpens, hemm distinzjoni fir-rigward tas-7 ishma minn 8 li l-intimat irċieva permezz ta' donazzjoni u diviżjoni fis-sena 2016 u dak s-sehem ta' wieħed minn tmienja li huwa wiret bħala werriet universali ta' missieru.

13. Fis-sentenza ta' din **il-Qorti tas-26 ta' Mejju, 2021, fl-ismijiet Carmel *sive* Charles Sammut et v. Maria Stella Dimech et** intqal li l-fatt li proprjetà tkun għaddiet għand it-tfal wara l-mewt ta' missierhom ma jfissirx li għandhom jedd għall-kumpens minn dakinhar tal-mewt biss - "Huma werrieta ta' missierhom u bħala tali għandhom jedd ukoll li jippretendu kumpens għall-perjodu meta missierhom kien is-sid". (Ara wkoll **Francis *sive* Frankie Sciberras et v. L- Avukat tal-Istat et**, deċiża

mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-30 ta' Novembru, 2022), u **Elfrida *sive* Freda Guillaumier et vs. Avukat Generali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-31 ta' Mejju 2023**.**

14. Jiġi b'hekk li safejn jolqot is-sehem ta' wieħed minn tmienja li jmiss lill-appellat Carmel *sive* Charles Bartolo għandu dritt għall-kumpens li seta' jieħu l-persuna li wiret mingħandu. Mhux l-istess però dwar is-sehem li huwa kiseb b'donazzjoni. Dan kiseb 7/8 tal-fond b'donazzjoni, li huwa titolu partikolari mhux universali. Għalhekk ma jiritx il-jedd patrimonjali li seta' kellhom l-awturi tiegħu, u kull jedd għal kumpens li jista' jmiss lir-rikorrenti twieled biss fil-31 ta' Awwissu 2016 meta saret id-donazzjoni u baqa' jseħħ sa ma daħlu fis-seħħ l-emendi bl-Att XXIV tal-2021.

15. B'danakollu għalkemm werriet jista' jitlob kumpens li kien dovut lill-awturi f'dan il-kaz ma jirrizultax illi hemm prova li huwa werriet ta' ommu. Kif sewwa jgħid l-Avukat tal-Istat "ma nġabet ebda prova da parti r-rikorrent dwar it-testment (jekk kien hemm) ta' ommu u dwar kif iddisponiet mill-assi ereditarji tagħha". In-nuqqas tal-attur li jressaq l-provi kollha meħtieġa għall-istruzzjoni sħiħa u korretta tal-każ huwa forsi sintomatiku taċċerta leġġerezza li biha qegħdin isiru kawżi bħal din tal-lum, iżda l-attur ma jistax jippretendi illi l-Qorti tagħmel tajjeb għan-nuqqas tiegħu billi tassumi illi huwa werriet.

16. Għalhekk, għaż-żmien bejn l-1 ta' Ġunju 2008 u l-31 ta’ Awwissu 2016 – meta sehem l-attur tal-fond kien għadu jappartjeni lil omm l-attur – ebda kumpens ma hu dovut lill-attur.

17. Il-kumpens pekunjarju dovut lir-rikorrent-appellat ghandu jkun ikkalkulat skont is-sehem tieghu matul is-snin u l-mod ta' kif huwa sar sid uniku ta' dan il-fond, kif jidher mill-Iskeda B li hija mehmuża ma’ din is-sentenza biex titqies parti minnha.

18. Fir-rigward ta' 1/8 minn dan il-fond illi sar sid tiegħu *qua* eredi universali ta' missieru, ir-rikorrent-appellat intitolat ghall-ammont sħiħ;

19. Fir-rigward ta' 1/8 illi r-rikorrent-appellat sar sid tiegħu permezz ta’ bejgħ fil-kuntratt ta’ diviżjoni minn ma’ huh, huwa intitolat ghall-ammont illi jigi kkalkulat mid-data tal-mewt tal-missier, u ċioè 16 ta' Diċembru 2015;

20. Fir-rigward ta' 3/4 illi r-rikorrent-appellat sar sid taghhom permezz ta' donazzjoni mingħand ommu f’ħajjitha, huwa intitolat ghall-ammont illi jigi kkalkulat mid-data tal-istess donazzjoni, u ċioè 31 ta' Awwissu 2016;

21. Bejn il-1 ta' Ġunju 2008 (data tat-tmiem tal-konċessjoni emfitewtika) u l-1 ta' Awwissu 2018 (data tad-dhul fis-seħħ tal-Artikolu

12B), il-proprjetà sħiħa setgħet tiġġenera dan l-ammont ta' kera fis-suq miftuħ: €36,816.67;

22. Minn dan l-ammont, wieħed irid inaqqas tletin fil-mija (30%) minħabba li l-miżura ta' kontroll kienet waħda fl-interess pubbliku u għoxrin fil-mija (20%) minħabba l-inċertezza illi l-fond kien jinkera matul iż-żmien kollu;

23. Minn dan l-ammont, trid titnaqqas il-kera illi kellha titħallas skont il-liġi.

24. F'dan il-każ, l-inkwilini ħallsu inqas milli kellhom iħallsu, imma dan huwa, *in parte*, tort tar-rikorrent stess illi ma ha ebda passi sabiex jikkawtela l-jeddijiet tieghu;

25. Fil-fehma tal-Qorti fil-komputazzjoni tal-kumpens pekunjajru għandu jittieħed inkonsiderazzjoni l-passività illi wrew ir-rikorrent-appellat u l-awturi tiegħu fir-rigward ta' din il-kirja. L-appellat u l-awturi tiegħu naqsu milli jieħdu passi skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjament l-Artikolu 12(1)(b)(ia) illi jirreferi għall-Artikolu 5(3)(b), inkwilini ma kienux qed iħallsu l-kera illi kienet dovuta minnhom u għalhekk l-appellat seta' jirrifjuta illi jġedded din il-kirja għaliex l-inkwilini ma kienux qed iħallsu l-kera illi kienet dovuta minnhom;

26. Din il-Qorti taqbel mal-Avukat tal-Istat inkwantu li din għandha jkollha impatt fuq l-ammont ta' kumpens pekunjarju illi kellha tagħti l-Ewwel Qorti b'referenza għall-kawża bl-ismijiet **Carmel Apap Bologna Sciberras d'Amico Inguanez v. Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat u N. Caruana & Sons Limited (C-206) għal kull interess**, deċiża fis-27 ta' Ottubru 2021;

> *«24. … L-attur il-predecessuri tiegħu kellhom il-possibilita 'li jintavolaw proceduri quddiem il-Board li Jirregola l-Kera sabiex jitolbu tterminazzjoni tal-kera a bażi ta 'dawn in-nuqqasijiet tal-inkwilin li skond il-liġi jagħtu lis-sid id-dritt li jfittex it-terminazzjoni tal-kirja. Fil-Fehma tal-Qorti għalhekk għandu jkun hemm tnaqqis ta 'ċirka 35% mill-kumpens dovut sabiex jirrifletti n-nuqqas tal-attur u l-predecessuri li jħarsu d-drittijiet u l-interess tagħhom bil-mezzi mogħtija lilhom mil-liġi għal dawn is-snin kollha.«*

27. Meqjusa dawn il-fatturi, il-kumpens li jmiss lill-attur Bartolo, maħdum fuq il-kriterji ta' Cauchi u tnaqqis ħamsa u tletin fil-mija (35%) sabiex jagħmel tajjeb għall-inerzja tar-rikorrent-appellat u l-ante-kawża tiegħu, jiġi ridott għal elfejn, disa' mija u sitta u tletin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€2,936.43ċ) kif jidher mill-Iskeda A li hija mehmuża ma' din is-sentenza biex titqies parti minnha.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tirriforma s-sentenza appellata billi:

i. Tilqa' l-appell tal-Avukat tal-Istat, fis-sens li tħassar is-

sentenza appellata fejn illikwidat il-kumpens li l-Avukat tal-Istat għandu jħallas lill-attur fis-somma ta' tmintax-il elf, tmien mija u sitta u għoxrin ewro u sebgħin ċenteżmu (€18,826.70) u minflok, tillikwida dak il-kumpens fis-somma ta' elfejn, disa' mija u sitta u tletin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€2,936.43);

ii. Tikkonferma s-sentenza fil-bqija, kwantu għal elfejn ewro (€2,000) danni non-pekunjarji, inkluż l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

iii. Spejjez għar-rikorrenti-appellat ghax intlaqa' l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss

Skeda A qed tiġi annessa sabiex tifforma parti integrali minn din is-sentenza odjerna.

**Carmel *sive* Charles Bartolo v. Avukat Ġenerali et**
Rikors Kostituzzjonali 252/2021/1

| Sena | Kera fis-suq miftuħ | -30% | -20% | Kera mħallsa | Rizultat | **-35%** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1/6/2008 31/12/2008 | €1,691.67 | €1,184.17 | €947.34 | €574 | € 373.34 | **€ 242.67** |
| 2009 | €2,900 | €2,030 | €1,624 | €574 | €1,050 | **€682.50** |
| 2010 | €2,900 | €2,030 | €1,624 | €574 | €1,050 | **€682.50** |
| 2011 | €2,900 | €2,030 | €1,624 | €574 | €1,050 | **€682.50** |
| 2012 | €2,900 | €2,030 | €1,624 | €574 | €1,050 | **€682.50** |
| 2013 | €2,900 | €2,030 | €1,624 | €574 | €1,050 | **€682.50** |
| 2014 | €4,500 | €3,150 | €2,520 | €574 | €1,946 | **€1,264.90** |
| 2015 | €4,500 | €3,150 | €2,520 | €574 | €1,946 | **€1,264.90** |
| 2016 | €4,500 | €3,150 | €2,520 | €574 | €1,946 | **€1,264.90** |
| 2017 | €4,500 | €3,150 | €2,520 | €574 | €1,946 | **€1,264.90** |
| 1/1/2018 - 31/7/2018 | €2,625 | €1,837.50 | €1,470 | €574 | €896 | **€582.40** |
| BILANĊ | | | | | | **€9,297.17** |

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Skeda B qed tiġi annessa sabiex tifforma parti integrali minn din is-sentenza odjerna.

**Carmel *sive* Charles Bartolo v. Avukat Ġenerali et**
Rikors Kostituzzjonali 252/2021/1

| Sena | Kera skont l-ewwel tabella | 1/8 | 1/8 | 6/8 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1/6/2008 31/12/2008 | €242.67 | €30.33 | €0 | €0 | **€30.33** |
| 2009 | €682.50 | €85.31 | €0 | €0 | **€85.31** |
| | €682.50 | €85.31 | €0 | €0 | **€85.31** |
| 2010 | €682.50 | €85.31 | €0 | €0 | **€85.31** |
| 2011 | | €85.31 | €0 | €0 | **€85.31** |
| 2012 | €682.50 | €85.31 | €0 | €0 | **€85.31** |
| 2013 | €682.50 | €158.11 | €0 | €0 | **€158.11** |
| 2014 | €1,264.90 | €158.11 | €0 | €0 | **€158.11** |
| 2015 | €1,264.90 | €158.11 | €0 | €0 | **€158.11** |
| 2016 | €1,264.90 | €158.11 | €158.11 | €316.23 | **€632.45** |
| 2017 | €1,264.90 | | | | **€1,264.90** |
| 1/1/2018 31/7/2018 | €582.40 | | | | **€582.20** |
| BILANĊ | | | | | **€2,936.43** |

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef